

Brussell, 14 ta' Mejju 2025
(OR. en, bg)

8469/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0034(NLE)

RECH 179
COMPET 306

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8440/1/25 REV 1; 8440/1/25 ADD 1	
Suġġett:	<i>Thējjija għall-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tat-22 u t-23 ta' Mejju 2025</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027 - Qbil politiku • Dikjarazzjoni mill-Bulgarija • Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ġlieda kontra l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li skontha l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' "ġeneru" li huma inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni Bulgara. Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tikkjarifika li l-kunċett ta' sess użat fil-Kostituzzjoni għandu jinftehem, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, fis-sens bijoloġiku tiegħu (irġiel u nisa) biss.

F'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li l-pajjiż ma jista' jaċċetta la l-kunċett ta' ġeneru u lanqas il-perspettiva tal-ġeneru tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jew kwalunkwe dokument ieħor li jipprova jiddistingwi bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostrutt soċjali.

Il-Bulgarija taqbel mal-ħtieġa li tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, fejn jista' jsir progress bl-implimentazzjoni tal-politika strutturali rilevanti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka taħt il-Programm ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027. Madankollu, il-Bulgarija tixtieq tenfasizza li ser tinterpreta t-terminoloġija kollha relatata mal-ġeneru fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq strettament fil-qafas tal-kunċett binarju ta' sess. Barra minn hekk, it-terminu "approċċ intersezzjonali" ser jinftehem esklużivament fil-kuntest ta' raġunijiet diskriminatorji, rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA DWAR IR-RAKKOMANDAZZJONI DWAR L- AĠENDA TA' POLITIKA TAŻ-ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA 2025-2027

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fir-Rakkomandazzjoni dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027.
